# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2018**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Guramentat Numru : 512/2017/LSO**

**Sunisa Muscat (Permess tar-residenza numru 54556A)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Sunisa Muscat (permess tar-residenza numru 54556A)) datat 6 ta’ Gunju 2017 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrenta (sic.) twieldet fl-14 ta' Settembru 1975 gewwa t-Tajlandja bl-isem Sunisa Kampaengdee (Dok B);

Illi fit-3 ta' Novembru 1982 il-genituri taghha ghogobhom ibiddlulha isimha ghal 'Manlika' u minn dak iz-zmien 'l hawn dejjem kienet maghrufa b'dan l-isem (Dok C) anke fid-dokumenti ufficjali tat-Tajlandja (Dok D);

Illi fis-26 ta' Settembru 2009 izzewget IiI Mario Muscat (Kl490177M) (Dok E) u wara dak iz-zwieg it-twelid taghha gie rregistrat hawn Malta (Dok F), izda bl-isem originali taghha ('Sunisa') u mhux l-isem proprju u ufficjali taghha skont l-awtoritajiet tat-Tajlandja kif ukoll skont kif ic-certifikat tac-cittadinanza Maltija taghha (Dok G) u skont dokumenti ohra mahrugin hawn Malta (Dok H);

Illi kif jirrizulta mid-diversi dokumenti annessi, ir-rikorrenta ilha minn meta kienet tifla zghira tissejjah bl-isem Manlika u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

Illi, kif jirrizulta mid-diversi dokumenti annessi ma' dan ir-rikors, u kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza, peress li l-Gvern Tajlandiz ghogbu jaccetta li jbiddlilha isimha ghal Manlika, u minn dak iz-zmien 'l hawn dejjem kienet maghrufa bhala Manlika, isem ir-rikorrenta kellu

jitnizzel hawn Malta fic-certifikat Dok F bhala Manlika u mhux bhala Sunisa;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenta, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi illi isem ir-rikorrenta huwa 'Manlika' u mhux 'Sunisa';

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrenta b'tali mod li jirrifletti li isem ir-rikorrenta huwa 'Manlika' u mhux 'Sunisa';

3. Tordna lill-intimat sabiex jemenda kull att pubbliku tal-istess rikorrenta bil-mod kif spjegat fit-tieni talba.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Bl-ispejjez u l-intimat ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti ghas-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta’ Lulju 2017 (fol 33) fejn Av. Astrid May

Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi sussegwentament u bla pregusidzzju ghas-suespost, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li ghandu jidher bhala 'Sunisa Muscat (Permess tar-Residenza Numru 54556A)' u mhux bhala 'Manlika Muscat (Permess tar-Residenza Numru 54556A)' *stante* li l-isem ta' Manlika Muscat ma jirrizultax mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru 2554 tas-sena 2017;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

4. Illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid Malti tal-attrici, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', saret skont l-**Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. F'dan l-istadju l-esponenti tissottometti illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont: (i) id-dettalji inseriti fir-*Request for Registration,* mimlija mill-attrici nnifisha, liema formola tinsab annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP

2' u kif ukoll skont, (ii) l-informazzjoni misjuba fl-Att Esteru u t-traduzzjoni tal-istess, liema dokumenti gew ipprovduti lill-esponenti mill-attrici stess *ai fini* ta' registrazzjoni, liema dokumenti jinsabu wkoll annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 3’ u 'Dok DRP 4', rispettivament;

5. Illi l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid tal-attrici, mahrug mill-konvenut, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

6. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti jissottolineja li l-ligi tat-Tajlandja f’dan il-kuntest hija differenti minn dik Maltija. Izda minkejja dan l-esponenti ser tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f’ ghajnejn il-ligi;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 23 ta' Jannar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Antoine Agius Bonnici li assocja ruhu fil-patrocinju tad-Direttur Intimat ma' Dr Stephanie Ellul, u ddikjara li l-intimat jaccetta l-awtenticita' tad-dokumenti esebiti u li ma kellux provi ulterjuri. Deher Dr Daniel Misfud ghar-rikorrent. Id-difensuri talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblkazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fit-12 ta' Gunju 2017 (fol 29) b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

It-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti b'digriet datat 24 ta' Awwissu 2017 (fol 45) u ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem taghha fuq l-att tat-twelid kif registrat hawn Malta, jigi korrett, billi jitnizzel bhala "Manlika" u mhux "Sunisa".

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

"***244***.*(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet smili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi hija proprju f'dan is-sens, ir-raba' eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, li l-informazzjoni registrata hawn Malta tirrifletti l-informazzjoni tal-att esteru u tat-traduzzjoni tieghu, liema dokumenti huma esebiti mar-risposta tal-intimat bhala Dok DRP3 u DRP4.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti sostniet, li hija bidlet isimha fit-Tajlandja. Jirrizulta li r-rikorrenti twieldet fit-Tajlandja fl-4 ta' Settembru 1975 bl-isem "Sunisa Kampaengdee", kif jidher mill-att tat-twelid taghha tradott (Dok B). Jirrizulta, li sussegwentement, fl-1982, il-genituri taghha fit-Tajlandja bidlulha isimiha billi "Sunisa" gie sostitwit b' "Manlika." B'hekk jirrizulta li permezz ta' Dok C (fol 7-14), isimha gie mibdul fit-Tajlandja minn "Sunisa" ghal "Manlika". In segwitu, jirrizulta, li f'dokumenti ufficjali tat-Tajlandja, isimha kien indikat u maghruf bhala Manlika Dok D (fol 15-19). Hi esebiet ukoll Dok G (fol 22), ic-certifikat tac-cittadinanza Maltija, u dokumenti ohra f'Malta Dok H, (fol 23-25) fejn isimha hu indikat bhala "Manlika."

In sostenn ghat-talba taghha, r-rikorrenti esebiet kopja originali tal-att tat-twelid esteru, kopja originali tac-certifikat tal-bdil tal-isem fit-Tajlandja, flimkien mal-originali tal-att tat-twelid kif registrat f'Malta u l-att taz-zwieg f'Malta. Inoltre`, r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat li hi twieldet fit-Tajlandja fl-14 ta' Settembru 1975, u f'Novembru 1982, il-genituri bidlulha isimha minn "Sunisa" ghal "Manlika." Qalet li wara z-zwieg taghha f'Malta, meta gie registrat l-att tat-twelid taghha f'Malta, giet infurmatha, li kellu jitnizzel dak indikat fl-att tat-twelid taghha esteru originali kif tradott. Ghalhekk, qed tipprocedi

bil-kaz odjern sabiex jinbidel isimha u jkun konformi ma' kif inhi maghrufa, bhala "Manlika".

Mario Muscat, ir-ragel tar-rikorrenti, qal li ilu jaf lil martu ghal disa' snin u dejjem kien jafha bl-isem "Manlika." Qal li jaf li isimha originarjament kien "Sunisa" u ta' eta` zghira kienu bidlulha isimha ghal "Manlika."

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li ilha sa minn tfulitha konsistentement maghrufa bl-isem "Manlika". Ghalhekk, it-talba taghha hija gustifikata.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid taghha, kif registrat, ghalhekk taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghat-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u bis-sena relattivi. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li terga' tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li ai finijiet u effetti kollha tal-ligi, isem ir-rikorrenti huwa maghruf bhala "Manlika" u mhux "Sunisa."

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrenti esebit bhala Dok DRP1 b'mod li jigi registrat li isem ir-rikorrenti huwa "Manlika" u mhux "Sunisa."

Rigward it-tielet talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-raguni spjegata.

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Frar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2018**